## 15 ta' Jannar, 1945.

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Oscar Sammut ne. *versus* Antonio Ellul et. (*)**

**Vitalizju — Alea — Gratuwità — Donazzjoni — Settwaġenarju — Simulazzjoni — Prova — Art. 1503, para. 6, u art. 1471, 1466 u 1468 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*F'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' vitalizju l-alea hija element essenzjali tal-kuntratt, u l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati, meta tkun kbira, teskludi din l-alea. Imma b'daqshekk ma jkunx hemm nullità assoluta tal-kuntratt; għax il-vitalizju jista' jiġi kostitwit anki gratuwitament, u l-liġi tirrikonoxxi l-vitalizju gratwitu. Għalhekk fil-każ ta' dina l-isproporzjoni, il-kuntratt ikun mist bl-element ta' l-onerożità u f'dak tal-liberalità, u għalhekk ikun in parti donazzjoni.*

*Donazzjoni magħmula minn settwaġenarju mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti hija nulla.*

*In-nuqqas tal-ħlas tar-rati tal-vitalizju ma jintitolawx lill-kreditur li jieħu lura l-korrispettiv, imma joħloq biss kreditu favur tiegħu għal dawk ir-rati.*

*L-att huwa simulat meta bil-volontà tal-partijiet ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment għandu; iżda ma hemmx simulazzjoni meta l-partijiet kitbu dak li tassew riedu, avvolja dak li kitbu huwa difettuż u ma jistax iseħħ.*

---

(*) Ara sentenza fl-ismijiet "Renato Ellul vs. Antonio Ellul et." deċiża mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fl-1 ta' Lulju, 1946 (publikata).

*Is-simulazzjoni tista' tkun assoluta jew relativa.*

*Il-prova tas-simulazzjoni għandha ssir minn min jallegaha, u tista' ssir anki bi preżunzjonijiet u konġetturi, jekk dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, u mhux kontradetti minn preżunzjonijiet u indizi oħra.*

*Fil-każ ġie ritenut li l-kuntratt li sar bejn il-partijiet kien difettuż tant bħala vitalizju kemm bħala donazzjoni, iżda ma kienx simulat.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur, wara li qal li b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Edward Calleja Schembri tas-7 ta' Settembru 1939, il-konvenut Antonio Ellul assenja u ttrasferixxa lill-imsemmijin konvenuti l-oħra, uliedu, Renato u Vittorio Ellul, il-beni u ħwejjeġ oħra msemmijin fl-istess kuntratt (dok. A) taparsi bl-obligu ta' l-akkwirenti Vittorio u Renato aħwa Ellul li jħallsu lill-imsemmi Antonio Ellul vitalizju ta' £360 fix-xahar; li kif jidher mill-kontenut tal-kuntratt innifsu, u kif jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, il-kuntratt fuq imsemmi ma kienx fil-fatt, u ma kienx maħsub biex ikun, kuntratt ta' kostituzzjoni ta' renta vitalizja, iżda kien jaħbi donazzjoni u sar taħt dik il-għamla bil-ħsieb li jinħarab, jew għall-anqas seta' bih jinħarab, il-ħlas tat-taxxi li għandhom jitħallsu taħt l-Ordinanza nru. XVIII ta' l-1918; u li għalhekk il-konvenuti kollha flimkien kellhom u ħadu sehem f'maniġġ qarrieqi li bih ġew jew setgħu jiġu maħruba t-taxxi fuq imsemmija, f'kollox jew f'biċċa, bi ksur ta' l-art. 42 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija: u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti xierqa, jiġi dikjarat u deċiż illi l-kuntratt fuq imsemmi, li sar taħt il-parenza ta' kostituzzjoni ta' vitalizju, kien simulat u kien maħsub biex ikun, jew fil-fatt kien, kuntratt ta' donazzjoni u bih setgħu jiġu maħruba, f'kollox jew f'biċċa, it-taxxi fuq imsemmija, u li għalhekk l-istess konvenuti li ħadu parti fih kisru l-art. 42 ta' l-Ordinanza XXVII ta' l-1918, u għandhom jiġu kundannati minn din l-Onorabbli Qorti, flimkien u "in solidum", iħallsu penali li għandha tiġi ffissata minn din l-istess Qorti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istess artikolu; bla

ħsara tal-jedd tiegħu nomine li jitlob ukoll kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, il-ħlas tat-taxxi dovuti fuq l-istess kuntratt ta' donazzjoni. Bl-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Novembru 1942, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-16 ta' Ottubru 1944, li biha ġew miċħuda t-talbiet bl-ispejjeż kontra l-attur nomine; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li mill-kumpless tal-provi rriżulta li l-konvenut Antonio Ellul ried jassikura t-trasmissjoni tal-ġid tiegħu kollu in natura favur iż-żewġ uliedu subien li huma l-konvenuti l-oħrajn, b'esklużjoni ta' bintu Lucia mart Victor Salomone, u għalhekk, bil-parir ta' avukat, għamel il-kuntratt tas-7 ta' Settembru 1939, li fuqu qamet il-kwistjoni f'din il-kawża. B'dan il-kuntratt, Renato u Vittorio Ellul obligaw ruħhom li jħallsu lil missierhom Antonio vitalizju ta' £360 fix-xahar, u bħala korrispettiv irċevew mingħand dak missierhom il-ġid kollu li huwa kellu u li ġie speċifikat f'dak il-kuntratt. Dawk iż-żewġ ulied ma kellhomx ġid minn tagħhom, u r-renti tal-ġid li rċevew mingħand missierhom ma kienux biżżejjed biex jitħallas il-vitalizju kollu bihom, tant li huma baqgħu lura fil-ħlas; u għalkemm ftehim espress ma kienx hemm, milli jidher mill-proposti li sussegwentement saru lil Victor Salomone, il-missier ma kellux il-ħsieb jeżiġi l-ħlas kollu f'ħajtu, u lanqas l-ulied ma kellhom il-ħsieb li jħallsu l-vitalizju kollu. Kemm kienu jiswew l-istabili u l-azzjonijiet mogħtija minn Antonio Ellul 'l uliedu, f'dil-kawża ma rriżultax. Iżda l-partijiet kollha jaqblu li bejn il-vitalizju u l-ġid mogħti kien hemm sproporzjon ta' valur kbir, peress li l-ġid jiswa aktar mill-vitalizju, speċjalment minħabba l-età avanzata ta' Antonio Ellul, li allura kien ġa għalaq is-70 sena. L-isproporzjon tal-valur ma ġietx moħbija lill-attur, għax l-att, meta sar, ġie meħud għandu espressament biex huwa jkun jista' jintaxxa bħala donazzjoni d-differenza tal-valur żejjed. Fil-fatt l-attur irritjena li l-att kien donazzjoni weħedha u ntaxxa bħala donazzjoni, u bagħat il-kont tat-taxxa likwidata minnu

lill-konvenuti. F'din il-kawża l-attur qiegħed isostni li l-att tal-vitalizju kien simulat, peress li kien qiegħed jaħbi donazzjoni biex tiġi evaża t-taxxa tad-donazzjonijiet. Wara li l-attur ħa dak l-atteġġjament, il-konvenuti ħadu l-parir ta' żewġ avukati ohrajn, biex jaraw x'jagħmlu, u dawk iż-żewġ avukati tawhom il-parir li l-att kien null, għax bħala vitalizju ma kienx jgħodd minħabba n-nuqqas ta' l-alea, u bħala donazzjoni ma setax iseħħ, għax bħala sensważenarju Antonio Ellul kien inkapaċi biex jagħmel donazzjoni ta' b'kemm jiswa aktar minn £50 mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti; u awtorizzazzjoni ġudizzjarja dak Antonio Ellul ma kellu qatt. Għaldaqstant il-konvenuti rrexindew il-kuntratt tal-vitalizju. Allura l-attur talab kontra tagħhom il-penali kontemplata fl-art. 42 ta' l-Ord. XVIII ta' l-1918;

Il-Qorti tosserva li l-kuntratt bħala vitalizju kien ċertament difettuż, għax ladarba l-alea hija element essenzjali għall-kuntratt tal-vitalizju, u l-isproporzjon kbira tal-valur kienet teskludiha, kuntratt ta' vitalizju veru u proprju ma kienx hemm. Iżda b'daqshekk biss ma kienx ikun hemm il-konsegwenza tan-nullità assoluta tal-kuntratt. Kif igħid Antonio Butera fit-trattat "Del Contratto Vitàlizio" (nru. 44, pp. 104-105) :— "Col cadere dell'alea il contratto non diviene per ciò solo necessariamente nullo o ineffcace, ma 'secundum ea quae proponerentur', e avuto riguardo alla volòntà delle parti e alla dottrina della conversione degli atti, sopravvive in quella figura giuridica della quale concorrono in conformità del diritto oggettivo gli elementi positivi o il negozio giuridico dissimulato che le parti nascosero sotto le false immagini del negozio apparente............. L'alea, è stato deciso, è un elemento essenziale del contratto di vitalizio onerôso. Non è però vietato alle parti di pattuire una rendita vitalizia a favor di una di esse, mediante corrispettivo, escludendo l'elemento aleatorio........... indi viene che può rimanere un vitalizio gratuito, se lo stipulatore ebbe l''animus donandi', e vi sono requisiti di forma, e più che di forma, il qual punto è solo prevalente, quelli di sostanza propri della donazione, oppure un qualsiasi contratto oneroso o misto di onere e di beneficenza.

oppure può sorgere un contratto innominato, o quel qualunque altro negozio che le parti realmente formarono e colorirono sotto le sembianze del vitalizio oneroso............. La mancanza dell'alea non toglie ancora al contratto la sua causa, perchè questa, come fondamento della obbligazione, si presume sino a che non si provi il contrario";

Fil-każ in eżami l-konvenuti riedu jikkuntrattaw preċiżament kif ftehmu fl-att, u għalhekk fil-fatt ma sarx ħaġa oħra ħlief dak li jirriżulta li sar, u li kien kuntratt mist li fih kien hemm in parti l-element ta' l-onerożità u in parti l-element tal-liberalità. U tabilħaqq bl-isproporzjon tal-valuri l-konvenuti kienu jafu ben tajjeb, u għaldaqstant l-idea u l-fehma tal-liberalità għall-eċċess ma setgħetx kienet eskluża fihom;

Iżda mill-banda l-oħra dik id-donazzjoni ma kienetx tiswa, u għalhekk kienet nulla, minħabba l-inkapaċità tad-donanti Antonio Ellul, li kien għalaq is-70 sena u għalhekk ma setax jagħmel donazzjoni ta' kemm kien jiswa iżjed minn £50 mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti (art. 1503, par. 6, ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868), u awtorizzazzjoni ma kellu qatt. Dik l-inkapaċità kienet tikkostitwixxi vizzju radikali li, indipendentement mill-volontà u mill-kunsens tal-partijiet kienet tinduċi n-nullità tad-donazzjoni sa mill-oriġini tagħha, talment li kienet tagħti lok għar-revoka tal-likwidazzjoni ta' l-imposta li kieku dik in-nullità ġiet dikjarata b'sentenza li tkun "res judicata" (art. 5, par. 1, Ord. XVIII ta' l-1918). Huwa minnu li dik in-nullità qatt ma ġiet dikjarata b'sentenza, u biex tiġi dikjarata b'sentenza jrid ikun hemm talba apposta. Iżda għall-finijiet ta' dil-kawża ebda bżonn ma hemm ta' dikjarazzjoni simili, għax l-attur mhux qiegħed jitlob il-ħlas tat-taxxa jew penali minħabba denunzja nieqsa jew ħażina, iżda penali taħt l-art. 42 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija. Għaldaqstant il-Qorti tieħu fil-konsiderazzjoni tagħha din iċ-ċirkustanza tan-nullità in kwantu dina tixħet dawl fuq dak li sar mill-konvenuti, sabiex tara jekk fil-fatt kienx hemm simulazzjoni qarrieqa, u qerq u għemil doluż li bih setgħet tiġi maħruba indebitament it-taxxa;

Il-Qorti hija tal-fehma li fil-fatt il-kuntratt tas-7 ta' Settembru 1939, sar ħażin, iżda mhux simulatament, għax, kif ġa ntqal, il-partijiet kontraenti riedu preċiżament dak li effettivament iddikjaraw fl-att, u raġġiri u artifizi frawdolenti da parti tagħhom lanqas kien hemm, għax li għamlu għamluh fil-beraħ, "palam". Infatti huma għarrfu lill-attur u avviċinawh preċiżament biex huwa jintaxxa l-eċċess tal-korrispettiv bħala liberalità u ħallew f'idejh. Huwa veru li huma ikkwalifikaw il-kuntratt bħala kostituzzjoni ta' vitalizju, meta kien hemm fih element qawwi ta' liberalità suġġetta għattaxxa, iżda dik il-kwalifika tan-"nomen juris" biss ma tikkostitwixxix raġġiri jew artifizju frawdolenti, għax anki l-liġi stess tikkontempla u tirrikonoxxi l-vitalizju kostitwit b'titolu gratuwitu (art. 1471 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868). Lanqas il-fatt li l-vitalizju ma kienx seijer jitħallas effettivament għallu f'ħajjiet il-missier ma kien ibiddel in-natura tal-kuntratt li sar u jirrendih simulat, għax skond il-liġi n-nuqqas ta' ħlas tarrati ma jintitolax il-kreditur tal-vitalizju li jieħu lura l-korrispettiv, u joħloq biss kreditu (art. 1466, Ordinanza ċitata); u la l-kreditu ma jkunx maħfur jidħol realment fil-patrimonju tal-kreditur. Fil-fatti mill-provi ma deherx li Antonio Ellul kellu l-ħsieb li jaħfer dak il-kreditu definitivament, u fuq issuppożizzjonijiet biss il-Qorti ma tistax tiġbed konklużjonijiet li jwasslu għall-komminazzjoni ta' penali. U tabilħaqq, ebda piena ma tista' tiġi mogħtija sakemm ma hemmx il-prova ċerta tal-ħtija;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata billi jiġu milqugħa d-domandi miġjubin fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

***Omissis:***

**Ikkunsidrat;**

**Illi b'kuntratt li sar għand in-Nutar.............. L-appellant jippretendi li dak il-kuntratt ma kienx ta' kostituzzjoni ta' rendita vitalizja, iżda ta' donazzjoni, u sar taħt l-isem u l-apparenza ta' kostituzzjoni ta' rendita vitalizja bil-ħsieb li jiġi eluż, jew għall-anqas jista' jiġi eluż, il-ħlas tat-taxxa dovuta**

għad-dikjarazzjoni skond kif jinsab stabbilit bl-Ordinanza XVIII ta' l-1918. Il-kawża preżenti, għalhekk, kif jinsab espressament magħmul fl-att taċ-ċitazzjoni, hija bbażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 42 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, li tassoġġetta għall-ħlas ta' penali hemm indikata dawk kollha li jieħdu parti "in any fraudulent contrivance or device............... with intent to evade, wholly or partly, the duties imposed by this Ordinance, or whereby the said duties may be wholly or partly evaded". Id-domanda prinċipali fiċ-ċitazzjoni hija dik biex jiġi dikjarat u deċiż li l-kuntratt fuq imsemmi, li sar taħt il-parvenza ta' kostituzzjoni ta' vitalizju kien simulat u kien intiż biex ikun, jew fil-fatt kien, kuntratt ta' donazzjoni, u bih setgħu jiġu evażi, f'kollox jew f'biċċa, it-taxxi fuq imsemmijin. Id-domanda l-oħra, li hija konsegwenzjali għal ta' qabel, hija li l-konvenuti li ħadu parti f'dak il-kuntratt kisru l-art. 42 ta' l-Ordinanza XVIII ta' l-1918, u flimkien u "in solidum" jiġu kundannati għall-ħlas tal-penali mill-istess artikolu stabbilita;

Ikkunsidrat;

Illi att għandu jkun ritenut simulat meta bil-volontà tal-persuni li ħadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti divers minn dak li realment għandu. "Simulatum dicimus quum tacite aliquod agimus, expresse aliud simulamus" (Bargalio). Din is-simulazzjoni tista' tkun assoluta jew totali, bħal meta l-partijiet ma riedu jagħmlu ebda att ġuridiku, jew relativa jew parzjali, bħal meta jiġi konkjuż att ġuridiku veru u reali, iżda taħt falza apparenza li taħbi l-vera natura tiegħu. Din l-aħħar speċi ta' simulazzjoni hija dik li l-appellant irid jattribwixxi lill-kuntratt li sar bejn l-appellati fl-atti tan-Nutar Calleja Schembri tas-7 ta' Settembru 1939;

Ikkunsidrat;

Illi dina l-Qorti, bis-sentenza tal-20 ta' Mejju 1932 in re "Schembri vs. Schembri", sostniet li fil-każi li l-kuntratti jiġu attakkati bħala simulati, anki meta jkunu atti b'titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni għandha ssir minn għand min jallegaha; u kompliet tgħid li "ciò si applica con maggior rigore quando si tratta di dichiarare inesistente atti pubblici

contro cui le deduzioni devono essere fondate su atti gravi, precisi e concordanti". B'sentenza oħra ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ottubru 1933 in re "Bugeja vs. Busuttil" ġie stabbilit li biex tiġi ppruvata s-simulazzjoni frawdolenti "bastano anche le presunzioni e le congetture, purchè esse sieno gravi, precise e concordanti, e non contradette da altre presunzioni ed indizi". U b'sentenza oħra ta' din l-istess Qorti tad-29 ta' Jannar 1932 in re "Galizia nomine vs. Cuschieri" ġie ritenut li fil-ġudizzju ta' simulazzjoni "si deve sempre guardare agli effetti giuridici che le parti intesero ottenere mediante la stipulazione";

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-prinċipji fuq miġjubin, il-Qorti tgħaddi biex teżamina jekk f'dan il-każ li għandha quddiemha s-simulazzjoni allegata mill-appellant ġietx pruvata b'mod soddisfaċenti; u biex isir sewwa dan l-eżami huwa meħtieġ li jiġu analizzati ċ-ċirkustanzi kollha anteċedenti, konkomitanti u susegwenti, għall-kuntratt li sar bejn l-appellati fis-7 ta' Settembru 1939;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-konvenut Antonio Ellul għandu tlitt itfal, jiġifieri l-konvenuti l-oħra Renato u Vittorio Ellul, u Lucia mart Victor Salomone.............. Ftit żmien wara li żżewġet, l-imsemmija Lucia għamlet kawża kontra missierha biex jiddotaha skond il-liġi. Din il-kawża spiċċat bi transazzjoni, il-kawża ġiet ċeduta wara li Antonio Ellul assenja bħala dota lil bintu fond li kien jiswa £1000. Għalkemm saret dik it-transazzjoni, Antonio Ellul..............; u billi wara li saritlu l-kawża fuq imsemmija huwa beża' li meta huwa jiġi nieqes żewġ bintu jħabbat bil-Qorti lill-uliedu l-oħra għal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-leġittima, u b'hekk iġegħilhom jagħmlu ħafna spejjeż, huwa mar għand l-avukat tiegħu......, u talbu biex jissuġġerilu rimedju biex it-tfal tiegħu Renato u Vittorio ma jsibux ruħhom imħabbtin wara mewtu. L-avukat.......... tah il-parir li jagħmel vitalizju, u jagħmlu qawwi biex jekk it-tfal ma jħallsux kollu kreditu u ma jinqalgħux kwistjonijiet, billi l-likwidazzjoni tal-leġittima tkun ħaġa fa-

ċili għaliex il-kalkolu jsir fuq dan il-kreditu........... Il-vitalizju ġie stabbilit fi £360 fix-xahar........... sar bejn il-konvenuti appellati l-kuntratt tas-7 ta' Settembru 1939............ Ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti li l-valur tal-beni assenjati kien superjuri sewwa għall-vitalizju, in vista ta' l-età avanzata ta' l-appellat Antonio Ellul...........; iżda dik l-isproporzjoni ma ġietx moħbija lill-appellant........... Meta saret dik id-denunzja lill-appellant, dana sostna li l-att kien kollu kemm hu donazzjoni u ntaxxah bħala tali, u bagħat it-taxxa hekk likwidata lill-appellati. Wara li rċevew dik it-taxxa........... Huma kienu jippreferixxu li jħallsu dak il-kont, basta 'l quddiem ma jkunx hemm kwistjonijiet fuq il-validità tal-kuntratt, għaliex dak li huma riedu jevitaw kienet kawża ma' Victor Salomone jew ma' oħthom. Tant Dottor Borg Olivier kemm il-Professur Caruana taw il-parir tagħhom li dak il-kuntratt kien jista' jkun okkażjoni ta' kawża ,u Lucia Salomone kienet tista' titlob l-impunjazzjoni tal-kuntratt, sija bħala donazzjoni kemm bħala vitalizju, u għalhekk tawhom il-parir li jirrexindu l-kuntratt fuq imsemmi, dak li l-appellanti għamlu b'kuntratt ieħor li sar fl-atti tan-Nutar Angelo Cachia fl-20 ta' Settembru 1940 (fol. 13);

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti fuq esposti l-Qorti tħossha persważa li l-kuntratt fuq imsemmi tas-7 ta' Settembru 1939 kien intiż biex tiġi evitata kawża ta' ħafna spejjeż........... Apparti d-difetti legali li dak il-kuntratt seta' kellu, ma hemmx raġuni biex jiġi ritenut simulat, billi l-partiiet li ħadu parti fih riedu preċiżament dak li effettivament obligaw ruħhom b'dak l-att, u ma riedux jaħbu ebda patt jew kuntratt ieħor. Bħalma sewwa qalet l-Ewwel Qorti, ma jirriżultawx raġġiri jew artifizi frawdolenti a kariku ta' l-appellati fis-sens ta' l-art. 42 ta' l-Ord. XVIII ta' l-1918 fuq imsemmi, għax li għamlu għamluh mhux bil-ħabi, iżda għarrfu bl-att lill-appellant tant qabel kemm wara l-publikazzjoni tiegħu. Lanqas tista' tiġi desunta s-simulazzjoni jew raġġir jew artifizju frawdolenti mill-fatt li l-kuntratt in kwistjoni ġie kwalifikat bħala kostituzzjoni ta' vitalizju meta kien hemm fih element qawwi ta' liberalità,

għaliex il-liġi tirrikonoxxi espressament il-vitalizju kostitwit b'titolu gratuwitu (art. 1471 ta' l-Ord. VII ta' l-1868). Dik is-simulazzjoni, kif sewwa sostniet is-sentenza appellata, lanqas tista' titnissel mill-fatt l-ieħor li l-vitalizju ma kienx sejjer jitħallas kollu ma' tul il-ħajja ta' Antonio Ellul, billi skond il-liġi (art. 1468 Ord. ċit.) in-nuqqas ta' ħlas ta' l-annwalità li għalqu ma jintitolax lill-kreditur tal-vitalizju li jieħu lura l-korrispettiv, u joħloq biss kreditu. Mill-provi ma rriżultax li dan il-kreditu, skond ftehim jew b'mod ieħor, kellu jiġi maħfur;

Ikkunsidrat;

Illi, kif tinsab impustata din il-kawża, ma hemmx lok li tiġi riżoluta l-kwistjoni jekk il-kuntratt tas-7 ta' Settembru 1939 kien jew le null, billi d-domanda ta' l-appellant mhix diretta għall-ħlas tat-taxxa, u għalhekk ir-riżoluzzjoni ta' dik il-kwistjoni ma jista' jkollha ebda effett fuq l-eżitu ta' din il-kawża;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi fil-meritu l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-16 ta' Ottubru 1944, b'dana però, li mħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tant ta' l-ewwel kemm ta' din l-istanza, ma għandhomx jiġu taxxati bejn il-kontendenti, iżda d-dritt tar-reġistru għaż-żewġ istanzi għandu jitħallas mill-attur nomine. U f'dan is-sens limitat għall-kap ta' l-ispejjeż tirriforma s-sentenza fuq imsemmija tas-16 ta 'Ottubru 1944, u tilqa' l-appell ta' l-attur nomine.